# TNAQQIS FIR-RATA TA' KRIMINALITÀ

**Crimemalta Observatory**

Marzu 2025

## Konferma oħra tas-suċċess fil-qasam tas-sigurtà

# L-istrateġija ta’ prevenzjoni tħalli l-frott bi tnaqqis sostanzjali ta’ reati għal kull elf persuna

Ir-rapport akkademiku magħruf bħala Crimemalta Observatory, ikkonferma fil-pubblikazzjoni annwali tiegħu għall-2024 li Malta baqgħet pajjiżi sigura bir-rata ta’ reati kriminali hija ta’ 30 reat għal kull elf persuna li tgħix fil-pajjiż. Dan jirrifletti tnaqqis meta mqabbel mas-sena 2023 u tnaqqis sostanzjali meta mqabbel mal-45 każ irrapportat għal kull elf persuna li Malta kienet tesperjenza fl-2004.

Dan jibni wkoll fuq ir-riżultat eċċellenti li ingħatat Malta f’rapport internazzjonali fosthom dawk li poġġew l-ordni u s-sigurtà f'pajjiżna mal-ewwel għaxra fis-sena 2023, minn 142 pajjiż fl-indiċi globali tas-Saltna tad-Dritt. Indiċi tal-World Justice Project Global Rule of Law Index li jinkludi pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea, tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles u l-Amerka ta' Fuq.

### Crime Rate per 1000 Persons (2004-2024) with Trend Line




*Is-snin 2020-2022 kienu snin partikolari ħafna minħabba l-pandemija tal-Covid-19 li rat attività sostanzjali fil-pajjiż magħluqa għal perjodi twal.*

Skont stimi li saru fuq ir-rati tal-2004 u l-2014, ir-rata ta' rapporti ta' reati kriminali din is-sena kienu mistennija jaqbżu l-20,000 u saħansitra setgħu ilaħqu l-25,000 rapport. Minflok ir-rapporti matul is-sena l-oħra kienu ferm inqas minn hekk.

Fil-fatt l-istess rapport juri wkoll li kien hemm tnaqqis fir-rata ta' kriminalità meta wieħed iqabbel l-2024 mas-sena ta' qabel. **IS-SENA LI GĦADDIET KIENU IRRAPPORTATI 16,662 KAŻ, TNAQQIS TA' 1% FUQ L-2023**.

Dawn in -numri iktar baxxi kienu rreġistrati anke jekk dan ir-rapport qed idaħħal għall-ewwel darba kategoriji ġodda ta' rapporti li huma reati marbuta mal-ambjent environmental crime fejn ġew reġistrati 174 każ. Bdew ikunu reġistrati wkoll reati ta' moħqrija kontra l-annimali fejn is-sena li għaddiet kienu reġistrati 20 każ.

**F'GĦAWDEX IR-RATA TA' KRIMINALITÀ NAQSET BI 23% MQABBEL MAS-SENA TA' QABEL**.
Is-sena li għaddiet ukoll Għawdex irreġistra l-inqas ammonti ta' serq fl-aħħar 20 sena, in-nofs ta' dak li kien irreġistrat fl-2006. (886 każ fl-2006 vs 332 fl-2024)

L-esperti li ħadmu fuq ir-rapport isostnu, li filwaqt li hemm reati li għandna nqajmu iktar kuxjenza dwarhom biex ikunu rapportati, bħall-vjolenza domestika, f'każi oħra r-rapporti ta' reati kriminali naqsu minħabba l-effettività tal-istrateġija ta' prevenzjoni.

Ir-rapport jindika wkoll il-moviment lejn kriminalità li qed issir "fuq ġewwa" fejn illum dan jammonta għal 34% tar-reati kriminali kollha. Fost oħrajn hawn insibu l-frodi, il-ħasil ta' flus u l-vjolenza domestika. Ir-rapport jinnota li sal-2004, 96% tar-reati kienu marbuta ma' ambjent barra mid-dar jew barra minn proprjetajiet bħal uffiċini, fejn il-pulizija u l-effettività tagħhom seta' jkollhom impatt iktar dirett. Iżda b'din il-bidla llum importanti niffokaw fuq edukazzjoni u tagħrif, għax żdiedu r-riskji fejn il-vittma tinġibed lejn ir-reat innifsu.

Fl-istess waqt, il-crime malta observatory report jagħti wkoll indikazzjoni tax-xejra fir-reati kriminali, fosthom:

## Omiċidji

Fl-2024 kienet reġistrata rata ta' omiċidji ta' 0.7 għal kull 100,000 persuna. Fl-2004 din kienet ta' 1.7 għal kull 100,000 persuna. **Ta' nota li l-omiċidji kollha mill-2018 sal-2024 kienu solvuti**.

## Serq

Baqgħet baxxa r-rata ta' serq mir-residenzi fejn b'513 il-każ kienet it-tieni l-inqas rata qatt irrekordjata. Fl-istess ħin kienet irreġistrata żieda fil-każi ta' pickpocketing u serq f'żoni ta' divertiment bin-numru ta' każi rrapportati fl-2024 kien ta' 650 każ. Is-sena li għaddiet Malta rreġistrat l-inqas rata ta' serq minn persuni armati, minn kemm ilha tinżamm l-istess informazzjoni, b'21 każ irrapportat. Fl-2024 kien irreġistrat l-inqas ammont ta' serq minn vetturi u t-tieni l-inqas rata ta' serq minn proprjetajiet (okkupati u mhux).

## Ħruq (arson)

Każi ta' reati kriminali fejn jinħarqu proprjetajiet komplew ikunu baxxi bl-istess xejra ta' tliet snin qabel l-2024 (li kienu l-inqas fl-istorja),  biex is-sena li għaddiet kienu rreġistrati 38 każ.

## Vjolenza domestika

Reġgħet kienet reġistrata żieda fir-rapporti ta' vjolenza domestika fejn fl-2024 kienu reġistrati total ta' 2,255 każ. 78% ta' dawn ir-rapporti kienu marbuta ma' rapporti ta' vjolenza psikoloġika.

## Reati bi vjolenza

Dawn naqsu għal 344 każ fl-2024. Dawn ma jinkludux il-vjolenza domestika u jirreferu għal grievous bodily harm, waqt li reati oħra bħal serq b'armi, vjolenza kontra uffiċjali pubbliċi, omidiċji, u każi oħra li jkunu akkumpanjati bi vjolenza kif spjegat fir-rapport.

## Vjolenza (bodily harm)

Fl-2024 kien hemm żieda fil-każi ta' vjolenza ta' 3%.

## Frodi

Wara li kienu reġgħu raw żieda fis-sena ta' qabel (2023), reati marbuta ma' każi ta' frodi, ħafna minnhom marbuta mad-dinja diġitali bħal frodi bl-sms jew frodi diġitali, fl-2024 kien hemm tnaqqis ta' 19%.

## Tnaqqis ieħor sinifikanti

Kien hemm tnaqqis ukoll ta' 43% fin-numru ta' reati marbuta mal-użu tal-kompjuter, filwaqt li kien hemm 8% tnaqqis ta' każi marbuta ma' ħsarat.

## Is-serq, il-ħsarat, il-frodi, il-vjolenza domestika u każi ta' vjolenza jagħmlu bejniethom 83% tal-każi kollha rrapportati.

## Lokalitajiet b'rata ta' kriminalità ogħla mill-medja.

L-Imdina għandha rata ta' rapporti kriminali li hi ħames darbiet iktar mill-mejda nazzjonali. Dan jirrifletti ċ-ċokon tal-lokalità meta mqabbel mal-attività li ssir fiha. San Ġiljan, il-Mosta, il-Floriana u l-Belt Valletta wkoll jaqbżu l-medja nazzjonali b'mod sostanzjali (ivarjaw minn x2 għal x5). Il-maġġoranza assoluta tal-lokalitajiet jaqgħu fil-medja nazzjonali jew taħtha.

## Popolazzjoni fil-Faċilità Korettiva ta' Kordin

L-ogħla numru ta' priġunieri fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin fl-2024 kien irreġistrat nhar il-Ġimgħa 23 ta' Frar meta kien hemm 695 priġunier (647 irġiel u 48 mara)